# ġimgħa 07

*Il-ħarsa tal-Mulej kontra l-ħżiena,*
*biex iħassar minn fuq l-art tifkirithom.*
*Jgħajtu l-ġusti għall-għajnuna,*
*u l-Mulej jismagħhom,*
*u mid-dwejjaq kollha tagħhom jeħlishom.*

*Qrib il-Mulej lejn dawk li qalbhom maqsuma,*
*isalva lil ta' ruħhom mgħaffġa.*
*Kbar huma l-ħsarat tar-raġel sewwa,*
*iżda minnhom kollha ħelsu l-Mulej.*

*Għadmu kollha jħarislu,*
*u ma tkissirlu ebda waħda,*
*jifdi l-Mulej il-ħajja tal-qaddejja tiegħu;*
*kull ma jistkenn fih ma jkollux ħtija xi jħallas.*

Salm 33

*Hawn jien, O Ġesù maħbub tiegħi,*
*mixħut quddiem il-presenza tiegħek:*
*Nitolbok bl-akbar ħrara*
*li tnissel fil-qalb tiegħi*
*sentimenti ta' fidi, ta' tama, ta' imħabba*
*ta' indiema kbira ta' dnubieti u ta' fehma sħiħa*
*li ma noffendik qatt iżjed;*
*filwaqt li bl-imħabba u l-ħniena kollha*
*sejjer inġib quddiem għajnejja*
*l-ħames pjagi tiegħek,*
*nibda minn dak li qal fuqek*
*il-qaddis profeta David:*
*"Nifduli jdejja u riġlejja,*
*u għaddewli għadmi kollu."*






Illum sum mil-laħam u l-ħelu u agħmel karita' mal-foqra u batuti.

# sibt 08

F'dak iż-żmien: Meta xi wħud min-nies semgħu kliem Ġesù, qalu: "Tassew, dan hu l-Profeta." Oħrajn qalu: "Dan hu l-Messija." Iżda xi wħud qalu: "Mela l-Messija għandu jiġi mill-Gallilija? Ma tgħidx l-Iskrittura li l-Messija għandu jiġi min-nisel ta' David u minn Betlehem, ir-raħal minn fejn kien David?" Hekk in-nies ma qablux bejniethom minħabba fih. Xi wħud minnhom riedu jaqbduh, iżda ħadd ma medd idejh fuqu. Ġw 7,4-53

*Meta Marija u Ġużeppi ħadu lil Ġesù tarbija biex jippreżentawh it-Tempju, Xmuni l-Profeta kien qal li dan kien ser "ikun sinjal li jmeruh". U il-Vanġelu ta' illum jurina kemm dan hu minnu għax "in-nies ma qablux bejniethom minħabba fih". Jekk din il-ħaġa ġrat meta Ġesù kien qiegħed fuq l-art, m'għandniex nistagħġbu li llum għadna nsibu min imeri lilna l-insara għax ma jemminx li Ġesù hu l-Iben ta' Alla; jew li miet u rxoxta tassew… Ġesù ma joqgħodx jinħela fuq dawn id-diskorsi, għax kien jaf li min ma riedx jemmen xorta kien ser jibqa' fil-għama. Li jagħmel hu li jagħti eżempju b'ħajtu: joffriha biex isalvana. Aħna, dixxipli tiegħu, flok noqogħdu nippruvaw nispjegaw lil min ma jridx jaf, nitolbu għalih sabiex il-Mulej jagħtih id-dawl tal-fidi. U nitlob lil Mulej jagħti dan id-dawl lili wkoll. Il-fidi hi bħal password jew PIN li biha nistgħu nidħlu f'relazzjoni ma' Alla...jekk ma jkollix il-fidi, għalxejn nipprova nirraġuna għax ma nasal imkien…*

Illum sib mument għal kwiet, u quddiem santa jew xbieha ta' Ġesù, stqarr il-Kredu (hawn taħt:)



Jiena nemmen f'**Alla l-Missier** li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art; u f'**Ġesù Kristu**, Ibnu wieħed Sidna; li kien konċeput mill-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni; bata taħt il-ħaqq ta' Ponzju Pilatu, **sallbuh, miet u difnuh**; niżel il-Limbu, mat-tielet jum **qam** minn bejn l-imwiet; **tela'** fis-smewwiet, **qiegħed** in-naħa tal-lemin ta' Alla l-Missier, li jista' kollox; minn hemm għandu jiġi biex jagħmel **ħaqq** mill-ħajjin u l-mejtin. Nemmen fl-**Ispirtu s-Santu**; il-**Knisja** Mqaddsa Kattolika, ix-Xirka tal-**Qaddisin**; il-**maħfra** tad-dnubiet; il-**qawma** mill-imwiet; il-**ħajja ta' dejjem**. Amen.

*Ir-raba' ġimgħa ▪ 02-08 ta' Marzu*



# randan
## 2008

Ħuti l-għeżież, jekk inhu xieraq li kull nisrani jitnaddaf f'kull żmien, dan għandu jagħmlu b'tjieba u ħerqa akbar issa f'dan iż-żmien tar-Randan, hekk li t-taħriġ tas-sawm f'dawn l-erbgħin ġurnata, kif riduh l-appostli, iseħħ mhux biss billi nitrażżnu fl-ikel, imma l-iżjed billi nitbiegħdu mill-ħażen. U jkun ta' l-akbar fejda għalina jekk mat-taħriġ spiritwali u qaddis tas-sawm ngħaqqdu l-opri ta' karità, jiġifieri dawk l-għemejjel sbieħ u tajba li kollha jinġabru taħt l-isem wieħed ta' opri tal-ħniena.

*Papa San Ljun il-Kbir*

isem:____________________

# ħadd 02 ▪ id-dawl



Kif kien għaddej, lemaħ raġel agħma minn twelidu, u d-dixxipli tiegħu staqsewh: "Rabbi, dan twieled agħma għax dineb hu stess, jew għax dinbu l-ġenituri tiegħu?" Ġesù wieġeb: "Mhux għax dineb hu jew il-ġenituri tiegħu, imma ġralu hekk biex l-għemil ta' Alla jidher fih. Sakemm għadu binhar, jeħtiġilna nagħmlu x-xogħol ta' dak li bagħatni, għax jasal il-lejl meta ħadd ma jkun jista' jaħdem. Sakemm għadni fid-dinja, jiena hu d-dawl tad-dinja." Kif qal dan, beżaq fl-art, għamel minnu qisu tajn, u dilek bih għajnejn ir-raġel agħma. U qallu: "Mur inħasel fil-menqgħa ta' Silwam." Din tfisser 'il-Mibgħut'. Mela dak mar, nħasel u ġie jara.

Ġw 9 :1-41

*Fil-kapitlu 9 ta' l-Evanġelju skond San Ġwann insibu lil Ġesù, lil wieħed għami mit-twelid, lill-ġirien u dawk li s-soltu kienu jarawh, il-Fariżej, il-ġenituri ta' l-għami…imma min hu tassew l-għami f'din is-silta? Hawn naraw dak li hu għami fiżikament li hu mfejjaq biex « l-għemil ta' Alla jidher fih ». Mhumiex biss l-għajnejn tal-wiċċ li jfiequ, imma fuq kollox l-għajnejn tal-qalb tant li bla biża' jistqarr quddiem il-Fariżej li l-fejqan tiegħu « ġej mingħand Alla » u lejn tmiem il-Vanġelu jinxtebet għarkubbtejh jadura lil « Bin il-bniedem ». L-għami mfejjaq jispiċċa mkeċċi 'il barra mill-Fariżej.*

*« Jiena hu d-dawl tad-dinja. » Dan id-dawl il-Fariżej ma jilqgħuhx minħabba s-suppervja tagħhom. Il-ġirien u l-ġenituri ta' l-għama għalkemm jaraw dan l-għemil ma jħallux id-dawl ta' Kristu jidħol fihom frott il-biża' li jiġu mqaċċta 'l barra. Mhux hekk l-għami: huwa dak li jara tassew lil Kristu u jemmen.*

*« Aħna wkoll għomja? » Umli u niedma, ninżgħu s-suppervja tagħna, niltaqgħu mat-"tajn" ta' ħajjitna, u nħallu lil Kristu, "il-Mibgħut" jaħsilna u jifthilna għajnejna għad-dawl tas-salvazzjoni!*



Illum aħseb f'dawk il-5 persuni li l-aktar iħobbuk u irringrazzja lil Mulej għalihom.

# tnejn 03

***Mela meta wasal il-Galilija, il-Galilin laqgħuh tajjeb billi lkoll raw kull ma kien għamel f'Ġerusalemm f'jum il-festa, għax huma wkoll kienu marru għall-festa.*** Ġw:4:46

F'Ġerusalemm, Ġesù jisħaq fuq il-qdusija tat-Tempju u jkeċċi 'il barra l-bejjiegħa li jsib f'dar Missieru (Ġw 2). Dan l-atteġġjament jolqot lin-nies tal-Galilija tant li jilqgħu lil Ġesù tajjeb. Illum nieqfu ftit fuq dan id-dettal tal-Vanġelu: Jien nilqgħu tajjeb lil Ġesù meta nħares lejn dak kollu li jagħmel miegħi u ma' l-oħrajn? Kemm jien bniedem rikonoxxenti? Kemm drabi ngħidlu tassew u bil-qalb: *'Grazzi'*?



Illum sib mument biex tgħin u tkun qrib ta' missierek.



**Liema hu l-aħjar mod biex nitlob?** L-uniku mod biex titlob tajjeb hu li titlob ta' spiss! It-talb safi hu dak li joħroġ mill-qalb. Mhux il-ħafna kliem jgħodd, imma li tagħti lilek innifsek lil Alla mill-aħjar li tista'!

# tlieta 04

Dakinhar kien hemm raġel li kien ilu tmienja u tletin sena marid. Ġesù rah qiegħed hemm u meta sar jaf li kien ilu hekk żmien twil, qallu: "Trid tfiq?" "Mulej", wieġbu l-marid, "ma għandix min jitfagħni fil-menqgħa x'ħin jitqanqal l-ilma, għax waqt li nkun sejjer jien ħaddieħor jinżel qabli." Qallu Ġesù: "Qum, aqbad soddtok u imxi." Minnufih dak ir-raġel fieq, qabad soddtu u beda miexi. Ġw 5, 1-3a

*Qrib it-Tempju kien hemm menqgħa – għadira żgħira – li l-Lhud kienu jemmnu li min kellu xi mard u kien jidħol fiha l-ewwel fil-bidu tal-jum kien ifiq. Imma Ġesù, li hu l-Messija, juri li hu jġib il-veru fejqan, mhux biss dak tal-ġisem, imma ukoll dak tar-ruħ. Illum, lili wkoll, Ġesù qed jarani u qed isaqsini: "Trid tfiq? Trid tkun tassew 'free' minn dnubietek?" X'se nwieġbu?*

Jekk tista' illum mur żur lil xi persuna marida jew anzjana. Jew inkella, itlob lil Mulej għal xi persuna li għandha bżonn il-fejqan.



# erbgħa 05

F'dak iż-żmien Ġesù qal: "Fis-sewwa, fis-sewwa ngħidilkom li min jisma' kelmti u jemmen f'min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem, u ma jsirx ħaqq minnu, imma għadda mill-mewt għall-ħajja." Ġw 5, 17-30

Ġieli staqsejt lilek innifsek: 'X'inhi l-fidi?' jew 'F'hiex nemmen?'. Temmen ifisser tafda, bħalma tarbija tafda lill-ommha għalkemm mhux dejjem kapaċi tifhimha bil-kliem. It-tarbija temmen f'ommha għax hi taf li tħobbha. Hekk ukoll ma' Alla: jien nemmen fih skond kemm tassew nafda fl-imħabba tiegħU. Tinsiex: il-fidi hija don li jagħtih Alla…huwa rigal li jgħinek tgħix il-ħajja b'mod differenti minn min ma jemminx. Itlob lil Mulej jagħtik id-don tal-fidi.

Illum agħmel talba spontanja (fi kliemek) lil Ġesù u itlobha b'mod li tkun tista' tisma' lilek innifsek u itlobu dak li hemm fil-fond ta' qalbek.





# ħamis 06

Ġesù qal lil Lhud: "Intom kif tistgħu temmnu, intom li tilqgħu l-glorja mingħand xulxin, waqt li xejn ma tfittxu l-glorja li tiġi minn għand Alla waħdu?" Ġw 5,31-37

*Kemm drabi nagħmlu l-affarijiet għal għajnejn in-nies! U kemm drabi jiġrilna li nistennew il-'prosit' għal dak li għamilna? U mhux l-ewwel darba li xi ħaġa nagħmilha biex nieħu xi ħaġa lura...(flus; xi pjaċir; l-attenzjoni ta' ħaddieħor). Diffiċli nisma' lil xi ħadd jikkoreġini, u fil-pront nirrispondih... Kemm drabi nfittex li nogħġob lili nnifsi u lill-ħbiebi aktar milli nogħġob lil Mulej? Jekk nieħdu l-glorja mingħand xulxin – jgħidilna Ġesù – allura jfisser li ma nemmnux li Alla jista' jagħtina l-aqwa u l-isbaħ glorja li nistgħu nirċievu!*



Illum, x'ħin tagħmel xi żball, kun pront skuża ruħek ma' dak li jkun u ammetti li żbaljajt.